MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Kompetenza Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-30 ta' Lulju, 2021

Appell Inferjuri Numru 35/2021 LM

**Yang Zhao (K.I. numru 0105503A)**
*('l-appellanta')*

***vs.***

**The Director of the Department for Citizenship & Expatriate Affairs**
*('l-appellat')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mill-appellanta **Yang Zhao (K.I. nru 0105503A)** [minn issa 'l quddiem "l-appellant"] mid-deċiżjoni tas-26 ta' Marzu, 2021, [minn issa 'l quddiem "id-deċiżjoni appellata"] mogħtija mill-Bord tal-

Appelli dwar l-Immigrazzjoni [minn issa ’l quddiem “il-Bord”], li permezz tagħha ddikjara null l-appell ippreżentat minnha fil-konfront tad-**Director of the Department for Citizenship and Expatriate Affairs** [minn issa ’l quddiem “id-Direttur appellat”] għar-raġunijiet hemm imfissra, u astjena milli jieħu konjizzjoni ulterjuri tiegħu.

## Fatti

2. Il-fatti tal-appell odjern jirrigwardaw *Single Permit Application* li kienet għamlet l-appellanta lid-Direttur appellat *ai termini* tal-L.S. 217.17, liema applikazzjoni kienet ġiet miċħuda minnu u kkomunikata lilha fis-17 ta’ Settembru, 2020.

## Mertu

3. L-appellanta istitwiet proċeduri ta’ appell quddiem il-Bord fit-23 ta’ Settembru, 2020 fejn talbet sabiex jiġi dikjarat li r-rifjut tal-applikazzjoni tagħha kienet imsejsa fuq ineżattezzi fattwali u proċedurali, u għalhekk kien invalidu skont il-liġi. Għalhekk talbet ukoll li l-applikazzjoni tagħha għandha tiġi milqugħa.

## Id-deċiżjoni appellata

4. Il-Bord ċaħad l-appell għar-raġunijiet li huwa fisser kif ġej:

*"2. <u>Submissions filed, evidence produced and considerations of the Board</u>*

*The Board observed that when the appeal was filed, the receipt issued instructed the parties to submit any further documentation within fifteen days. At the outset, the Board declares that although it is not legally bound to hold sittings, Art. 3(2) of the Administrative Justice Act (Chapter 490 of the Laws of Malta) stipulates that amongst the principle which this Board, amongst other bodies, is bound to uphold, is the principle of equality of arms. The Board refers to the judgment of the Court of Appeal* ***<u>Edwin Zarb et vs Gilbert Spiteri et</u>*** *(decided on 6th February 2015) in which it was held that the principle* audi alteram partem *does not necessarily mean that the parties must be physically heard but that they must be given sufficient time to present the evidene they wish to present. It is up to the court (or in this case, the Board) to decide what should be done in the interest of justice.*

*The Board observed that this appeal was filed outside the time limit of three working days established by Article 25A(7) of the Immigration Act. After examining the documentation submitted by the appellant, the Board found that neither the appellant nor the prospective employer provided any explanation for the manifest lateness of the appeal.*

*Consequently, the appeal is being declared null."*

## <u>L-Appell</u>

5. L-appellanta ppreżentat ir-rikors tal-appell tagħha fit-30 ta' Marzu, 2021 fejn talbet lil din il-Qorti sabiex tirrevoka, tħassar u tannulla d-deċiżjoni appellata, filwaqt li tilqa' l-appell tagħha. Tgħid li tħossha aggravata b'dik id-deċiżjoni għaliex il-Bord naqas milli jikkonsidra d-data li fiha l-appell fil-fatt ġie sottomess.

**Ir-Risposta tal-Appell**

6. Id-Direttur appellat wieġeb fit-8 ta' April, 2021, fejn qed isostni li l-appell interpost għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż kontra l-appellanta għar-raġunijiet li huwa jfisser fir-risposta tiegħu u li ser jiġu kkonsidrati aktar 'l isfel.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

7. Il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkonsidra l-aggravju ewlieni tal-appellanta, flimkien mas-sottomissjonijiet tad-Direttur appellat, u dan fid-dawl ta' dak li ġie deċiż mill-Bord.

8. L-appellanta qiegħda tappella mid-deċiżjoni appellata għaliex fil-fehma tagħha l-Bord naqas milli jikkonsidra d-data ta' meta l-appell kien ġie intavolat, jiġifieri dik tal-24 ta' Settembru, 2020. Tispjega li dan seħħ b'riżultat tal-proċeduri li ttieħdu mill-Bord stess minħabba l-pandemija preżenti, fejn l-appelli jintlaqgħu biss permezz ta' *email*. Għalhekk il-Bord ikkonsidra minflok id-data tad-29 ta' Settembru, 2020 meta l-impjegati tal-Bord fil-fatt raw u pproċessaw l-*email* tal-avukat difensur tal-appellanta.

9. Min-naħa tiegħu d-Direttur appellat jikkontendi li l-appellanta stess tikkonferma li hija kienet intavolat l-appell tagħha quddiem il-Bord fl-24 ta' Settembru, 2020, wara d-deċiżjoni tal-imsemmi Bord fis-17 ta' Settembru, 2020. Għalhekk mingħajr dubju l-appell odjern huwa wieħed tardiv peress li ġie intavolat wara t-tlett ijiem ta' xogħol li jipprovdi għalihom is-subartikolu (7)

tal-artikolu 25A tal-Kap. 217. Jirrileva li l-Bord ma ddeċidiex li l-appell kien wieħed tardiv għaliex ġie a konjizzjoni tiegħu fid-29 ta' Settembru, 2020, kif riedet tagħti x'jifhem l-appellanta. Id-Direttur appellat jirrileva li minn dak li qal il-Bord fid-deċiżjoni appellata, jiġifieri *"after examining the documentation submitted by the appellant, the Board found that neither the appellant nor the prospective employer provided any explanation for the manifest lateness of the appeal",* huwa evidenti li l-Bord spjega illi skont dak li kien qed jirriżulta quddiemu, l-appell kien wieħed tardiv, iżda ma kien hemm l-ebda spjegazzjoni min-naħa tal-appellanta għal dan. L-istess nuqqas kien qed jidher li seħħ anki fl-appell odjern.

10. Il-Qorti tosserva li mill-atti ma jirriżultax b'liema mezz u meta ntbagħtet lill-appellanta d-deċiżjoni tad-Direttur appellat tas-17 ta' Settembru, 2020. Dan lanqas ma jirriżulta mid-deċiżjoni appellata, fejn kien ikun utli u xieraq li l-Bord jindika b'mod aktar dettaljat u ċar kif wasal għad-deċiżjoni tiegħu fir-rigward tat-tardività tal-appell odjern.

11. Imma madankollu jirriżulta li l-appell tal-appellanta minn dik id-deċiżjoni ntbagħat permezz ta' *email* tal-24 ta' Settembru 2020 fis-17:03, wara li fis-16 ta' Settembru, 2020 l-avukat difensur tagħha kienet imliet u bagħtet permezz ta' *email* dokument neċessarju sabiex jinfetaħ appell. Illi għalhekk din il-Qorti hija disposta li tqis li d-deċiżjoni tad-Direttur appellat kienet ukoll intbagħtet permezz ta' *email.* L-appellanta min-naħa tagħha ma offrietx li tikkonferma kif u meta hija kienet irċeviet din id-deċiżjoni u kulma tgħid u li ma kienet irċeviet l-ebda ittra reġistrata.

12. Għaldaqstant din il-Qorti tqis li l-aggravju tal-appellanta mhux ġustifikat u tiċħdu.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti tiċħad l-appell odjern u tikkonferma d-deċiżjoni appellata, bl-ispejjeż tal-proċeduri kollha kontra l-appellanta.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**